

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Settembru 2015 – Total Marketing Services, aventi kawża ta' Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-634/13 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Kompetizzjoni — Suq tax-xema' tal-paraffin — Suq tax-xema' ratba — Tul tal-parteċipazzjoni f'akkordju illegali — Waqfien tal-parteċipazzjoni — Interruzzjoni tal-parteċipazzjoni — Assenza ta' kuntatti kollużivi stabbiliti matul ċertu perijodu — Tkomplija tal-ksur — Oneru tal-prova — Tbegħid pubbliku — Perċezzjoni tal-parteċipanti l-oħra fl-akkordju tal-intenzjoni ta' tbeġħid — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipji ta' preżunzjoni tal-innoċenza, ta' ugwajanza fit-trattament, ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u ta' individwalità tal-pieni)*

(2015/C 371/07)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellanti:* Total Marketing Services, aventi kawża ta' Total Raffinage Marketing (rappreżentanti: A. Vandecasteele, C. Lemaire u S. Naudin, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Van Nuffel u A. Biolan, aġenti, assistiti minn N. Coutrélis, avukat)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Total Marketing Services SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 45, 15.02.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Settembru 2015 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – J.B.G.T. Miljoen (C-10/14), X (C-14/14), Société Générale SA (C-17/14) vs Staatssecretaris van Financiën**

(Kawżi magħquda C-10/14, C-14/14 u C-17/14) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni diretta — Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE — Moviment liberu tal-kapital — Intaxxar tad-dividendi ta' portafolli ta' ishma — Taxxa f'ras il-ġħajn — Restrizzjoni — Oneru fiskali definittiv — Kriterji għall-finijiet tal-paragun tal-oneri fiskali tal-persuni taxxabbli residenti u tal-persuni taxxabbli mhux residenti — Paragunabbiltà — Teħid inkunsiderazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul jew tat-taxxa fuq il-kumpanniji — Konvenzjonijiet intiżi biex tiġi evitata t-taxxa doppja — Newtralizzazzjoni tar-restrizzjoni permezz ta' ftehim)*

(2015/C 371/08)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: J.B.G.T. Miljoen (C-10/14), X (C-14/14), Société Générale SA (C-17/14)

Konvenut: Staatssecretaris van Financiën

**Dispożittiv**

L-Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi tnaqqis fras il-ġhajjn fuq id-dividendi mqassma minn kumpannija residenti kemm lill-persuni taxxabbli residenti kif ukoll lill-persuni taxxabbli mhux residenti, billi tipprovi mekkaniżmu ta' tnaqqis jew ta' rimbors ta' dan it-tnaqqis biss għall-persuni taxxabbli residenti, filwaqt li, għall-persuni taxxabbli mhux residenti, persuni fiżiċi u kumpanniji, dan it-tnaqqis jikkostitwixxi taxxa definittiva, sa fejn l-oneru fiskali definittiv relattiv għal dawn id-dividendi mħallas, f'dan l-Istat, mill-persuni taxxabbli mhux residenti jkun itqal minn dak li jinsab fuq il-persuni taxxabbli residenti, liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju fil-kawża prinċipali. Għall-finijiet li jiġu stabbiliti dawn l-oneri fiskali, il-qorti tar-rinviju għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, fil-Kawża C-10/14 u C-14/14, it-taxxa tar-residenti relattiva għall-azzjonijiet kollha miżmuma f'kumpanniji tal-Pajjiżi l-Baxxi matul is-sena kalendarja kif ukoll il-kapital eżentat mit-taxxa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u, fil-Kawża C-17/14, l-ispejjeż li huma direttament marbuta mar-riċeviment, fih innifsu, tad-dividendi.

Fil-każ fejn tiġi stabbilita l-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, din tista' tiġi ġġustifikata mill-effetti ta' ftehim bilaterali intiż biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, konkluż mill-Istat Membru ta' residenza u mill-Istat Membru tas-sors tad-dividendi, bil-kundizzjoni li d-differenza fit-trattament, relattiva għall-intaxxar tad-dividendi, bejn il-persuni taxxabbli residenti f'dan l-aħħar Stat u dawk residenti fi Stati Membri oħra jispiċċaw. F'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-Kawża C-14/14 u C-17/14 u mingħajr preġudizzju għall-verifika li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, ir-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, fil-każ li din tiġi stabbilita, ma tistax titqies li hija ġġustifikata.

<sup>(1)</sup> ĠU C 129, 28.04.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Settembru 2015 – Mory SA, fi stralċ, Mory Team, fi stralċ, Superga Invest vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-33/14 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Għajjnuna mill-Istat — Rikors għal annullament — Artikolu 263 TFUE — Ammissibbiltà — Għajjnuna illegali u inkompatibbli — Obbligu ta' rkupru — Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ma testendix l-obbligu ta' rkupru għax-xerrejja tal-benefiċjarju tal-għajjnuna — Interess ġuridiku — Rikors għad-danni u għall-irkupru tal-għajjnuna quddiem il-qorti nazzjonali — Locus standi — Appellant li ma huwiex ikkonċernat individwalment)*

(2015/C 371/09)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: Mory SA, fi stralċ, Mory Team, fi stralċ, Superga Invest (rappreżentanti: B. Vatier u F. Loubières, avuati)